MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2008

Numru 64/99

Il-Pulizija
(Sup Alexandra Mamo )
vs
Emanuele Chircop, iben Carmel, imwieled Rabat, Malta fis-16 ta’ awissu, 1945

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat talli f’dawn il-Gżejjer f’dawn l-aħħar snin, b’diversi atti magħmulin fi żminjiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b’risoluzzjoni waħda:
Approprja ruħu, billi dawwar bi profit għalih jew għal persuna oħra, mis-somma ta’ aktar minn elf lira maltin (Lm1,000), liema somma kienet tappartjeni lill-‘Continental Postform Ltd.’ u persuni oħra u li kienet ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu minħabba kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu bħala mpjegat ta’ l-imsemmija

soċjeta', taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnhom speċifikat.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-24 ta' ġunju, 1999 fejn iddikjara li wara li ra
l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub –
fl-artikoli18, 293 u 294 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' jannar, 2000 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet ix-xhieda nkluża x-xhieda ta' l-imputat bil-ġurament.

Rat id-dokumenti eżebiti.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi f'lulju, 1998 Charles Busuttil għamel rapport lill-pulizija li l-imputat, li hu l-'partner' tiegħu f'soċjeta' kummerċjali, iffroda lis-soċjeta' tas-somma ta' Lm1,069.09.  Dan l-ammont kien cheque ta' soċjeta' tal-assikurazzjoni fuq 'claim' li sar min-naħa tas-soċjeta' ta' Busuttil u ta' l-imputat.  L-ammont hawn fuq imsemmi kien f'forma ta' cheque favur il-kumpanija ta' l-imputat u ta' Charles Busuttil – Continental Post Form ltd.  dan ic-cheque kien iġib id-data tal-21 ta' april, 1995.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li Joe Sammut kien l-accountant ta' din il-kumpanija u f'dak il-perjodu l-imputat u Charles Busuttil ma kienx jitkellmu għaliex kien hemm tilwin bejniethom.  Jirrizulta wkoll illi mhux ic-cheques kollha li kienet tirċievi l-kumpanija kien jiġu depożitati.  Fil-fatt meta l-partners kienu jiddeċidu li jieħdu l-flus għalihom, ic-cheque kien ikun iffirmat mit-tnejn, msarraf u

imbagħad ir-riċavat kien jitqassam f'żewġ partijiet ugwali għall-partners minn Joe Sammut.

Illi jirrizulta li f'dan il-każ meta wasal ic-cheque, Joe Sammut mar l-ewwel għand Charles Busuttil li ffirma c-cheque min-naħa tiegħu. Imbagħad Sammut mar għand l-imputat li ffirmah min-naħa tiegħu. Jirrizulta li dan ic-cheque baqa' f'idejn l-imputat.

Illi xi żmien wara, Joe Sammut kien qal lil Charles Busuttil li dan ic-cheque kien baqa' għand l-imputat. Meta sar dan il-fatt la Charles Busuttil wisq anqas Joe Sammut ma setgħu jindikaw approsimativament id-data. Min-naħa tiegħu, l-imputat xehed li r-rikavat ta' dan ic-cheque żammu għalih għaliex hu kellu jieħu xi flus. Hu xehed li Charles Busuttil kien ħa tlett telef liri maltin u l-flus ta' dan ic-cheque kien biex l-imputat jiġi parzjalment kumpensat. In sostenn ta' dan hu eżebixxa d-dokument li Charles Busuttil xehed li tali dokument kien bil-kitba tiegħu (Dokument A a fol. 126 tal-proċess).

Illi jirrizulta li hemm żewġ versjonijiet djametrikament opposti dwar dawn il-flus, kif intqal hawn fuq. Il-versjoni ta' l-imputat tidher li hi aktar kredibbli u attendibbli.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkuża.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------